**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Shelagh Zahra *et*

*versus*

Mario Cassar

## Inċident Awtomobilistiku - Danni - *Road Junction* - Manuvra ta' Sorpass

*L-attur aġixxa biex jirkupra danni naxxenti minn inċident awtombilistiku kontra liema talba il-konvenut ippropona kontrotalba rikonvenzjonali.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriformat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fis-sens illi apporzjonat ir-responsabbilità bejn il-partijiet.*

Il-Qorti:-

Il-konvenut qed jappella minn din is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li sabitu unikament responsabbli għall-inċident stradali meritu taċ-ċitazzjoni u kkundannatu jħallas id-danni konsegwenzjali lill-atturi;

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi li biha, wara li ppremettew;

Li, fil-25 ta' Mejju, 1993, f'xis-6.50 a.m., waqt li l-attriċi kienet issuq karozza Maruti nru. O-2761 ġol-*Bypass* ta' Ħal

Għaxaq, din sfat involuta f'inċident awtomobilistiku ma' trakk numru *H-2362 misjuq mill-konvenut (dok. 1)*;

Li l-karozza Maruti numru O-2761, għalkemm irreġistrata f'isem l-attriċi, tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejniethom;

Li bħala riżultat ta' l-inċident, huma ġarrbu dannu konsiderevoli li jridu jiġu llikwidati;

Li għall-inċident u konsegwenzjali danni kien jaħti unikament il-konvenut minħabba imprudenza, imperizja, negligenza u *inosservanza* tar-regolamenti;

Li l-konvenut, interpellat biex jagħmel tajjeb għad-danni tagħhom baqa' inadempjenti;

*Talbu li għalhekk il-konvenut jgħid għaliex* din il-Qorti m'għandhiex:

Tiddikjarah unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku fuq riferit u għad-danni kollha li bħala konsegwenza ta' l-istess huma ġarrbu;

Tillikwida d-danni tagħhom okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

Tikkundannah iħallashom l-ammont li jiġi ddikjarat bħala *dovut in linea ta' danni*;

Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-17 ta' Ġunju, 1993 u bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata ta' din iċ-ċitazzjoni, kontra l-konvenut li huwa ngunt għas-

subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa;

Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom peress illi l-inċident in kwistjoni ġara unikament tort ta' Shelagh Zahra li kienet qed issuq il-karozza Maruti numru O-2761;

Illi huwa qed jipprevalixxi ruħu mill-azzjoni ittentata mill-atturi u qed jintavola kontrotalba kontrihom biex jirrikonvenzjona lill-istess atturi għad-dikjarazzjoni ta' responsabbilità ta' l-inċident in kwistjoni li ġara fil-25 ta' Mejju, 1993, għal xis-6.50 a.m. fil-*Bypass* ta' Hal Għaxaq, għal-likwidazzjoni tad-danni li huwa sofra b'konsegwenza ta' dan l-inċident u għall-kundanna tal-ħlas tad-danni hekk likwidati;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut li biha, wara li ppremetta li, fil-25 ta' Mejju, 1993, għal xis-6.50 a.m. waqt li huwa kien isuq it-trakk numru H-3362, dan safa nvolut f'inċident awtomobilistiku ġol-*Bypass* ta' Hal Għaxaq ma' karozza Maruti numru O-2761 misjuqa mill-attriċi, u li dan l-inċident ġara unikament tort ta' l-attriċi minħabba mprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku; u li b'konsegwenza ta' dan l-inċident, huwa sofra danni, kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u li l-karozza Maruti, misjuqa mill-attriċi, hija rreġistrata fuqha

però tappartjeni *lill-komunjoni* ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-konjuġi Zahra;

Talab li għalhekk l-atturi jgħidu l-għaliex m'għandhiex din il-Qorti, għar-raġunijiet premessi:

Tiddikjara lill-attriċi rikonvenuta unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku fuq riferit;

Tillikwida d-danni li sofra b'konsegwenza ta' l-istess inċident, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

Tikkundanna lill-atturi jħallsuh l-ammont illikwidat li jiġi ddikjarat bħala *dovut lilu in linea* ta' danni, bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-kontro-talba kontra l-atturi nġunti minn issa għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda ulterjuri tal-konvenut;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-atturi għar-rikonvenzjoni tal-konvenut li biha eċċepew;

L-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenut għandha tkun miċħuda stante li l-inċident *de quo* ġara unikament tort tal-konvenut;

It-tieni talba għandha ukoll tkun respinta stante li m'hemmx danni x'jiġu likwidati favur il-konvenut;

It-tielet talba għandha tkun riġettata ukoll billi ma għandux ikun hemm ebda kundanna ta' l-atturi għall-ħlas ta' danni lill-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda ulterjuri ta' l-atturi;

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Jannar, 1994, li bih ġie nnominat l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bħala espert tat-traffiku sabiex, wara li jambjenta ruħu mal-lokalità ta' l-inċident u b'hekk ikun aktar f'qagħda li aktar jistħarreġ il-każ u, wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet, ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attriċi u dawk rikonvenzjonali tal-konvenut u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu u okkorrendo jillikwida d-danni;

Rat ir-rapport peritali ta' l-imsemmi Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace kkonfermat bil-ġurament fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru, 1994;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet lill-espert tat-traffiku in eskussjoni;

Eżaminat id-deposizzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Li l-inċident stradali in kwistjoni ġara f'Dawret Ħal Għaxaq, li hi triq wiesgħa, wita u miksija bil-*hot asphalt*;

Iż-żewġ vetturi nvoluti fl-inċident daħlu f'din it-triq mir-*roundabout* ta' Tal-Barrani u hemmhekk it-triq hija liwja bejn ix-xellug u mbagħad tkompli għad-dritt. Fuq ix-xellug tat-triq hemm *boundary wall* b'siġar kbar tal-*ficus* 'il barra minnu u mal-lemin hemm *service road* u bini 'l ġewwa minnha. Il-vetturi kienu ġejjin minn fuq għal isfel ta' l-iskizz (dok. 1 - fol. 8) ċjoè

minn Tal-Barrani u t-tnejn li huma riedu jiksru fuq il-lemin tagħhom għal ġo Vjal il-Labour. Fuq ix-xellug tal-vetturi kien hemm il-*boundary wall* li ġà ssemma' u li hu wieħed baxx tal-kantun;

Fl-aċċess li nżamm mill-espert, il-partijiet jaqblu li mill-inċident 'l hawn ma' dal-*boundary wall* saret bankina u sar ukoll *piping* għal ċertu tul fil-kurdun tal-bankina u l-iskop kien biex min imur fejn hemm statwa tal-Madonna u aktar 'il ġewwa minnha *Stationery ma jaqbadx* u jaqsam. *Żgur hu, però, li qabel* saret din il-bankina xorta waħda l-karreġġjata ma kinitx tasal sal-*boundary wall* - dan minħabba s-siġar tal-*ficus* u l-konok imdaqqsa tagħhom;

Daqshekk għal dik li hija l-lokalità ta' l-inċident *de quo*;

Ikkunsidrat:

Li dwar kif ġara l-inċident ingħataw żewġ versjonijiet konfliġġenti u fir-rigward hemm ix-xhieda ta' l-attriċi u bintha, Claire Richards, li kienet passiġġiera fil-Maruti u x-xhieda tal-konvenut u Feliċ Attard, li kien riekeb fil-gabina tat-trakk;

Hemm ukoll l-okkorrenza (dokument esebit a fol. 60) li saret minn P.S. 711 Anthony Polidano li ssejjaħ fuq din il-kolliżjoni u rridieġa ukoll l-iskizz (dok. 1 fol. 8);

Skond dan id-dokument li għandu ċerta importanza billi jkun sar *a tempo vergine* l-attriċi qalet li kienet issuq il-Maruti fid-direzzjoni tal-Gudja u qabżet it-trakk li kien sejjer fl-istess direzzjoni tagħha meta dan dar f'daqqa waħda għal fuq il-lemin. L-attriċi qalgħet 'il barra biex tevita l-ħabta, iżda ma rnexxilhiex. Hija qalet lis-surġent li t-trakk kiser bla *indicator* ta' xejn. Il-konvenut qal li kien ser idur lejn il-lemin bl-

*indicator* mixgħul u l-attriċi qalgħet minn barra u baqgħet dieħla ġol-ġenb tat-trakk in-naħa ta' quddiem;

Is-surġent Polidano kkonferma li ma ssemmiex fuq liema parti tat-triq tiegħu Cassar kien isuq, kif lanqas ma ssemma' jekk l-attriċi, hi u ser taqbeż, qabżitx il-linja medjana;

L-attriċi xehdet li meta bdiet il-*Bypass* it-trakk kien ġà hemm u tgħid li kienet wara vetturi oħra li qabżu lit-trakk. L-*ispeed* kien ta' *a normal flow of traffic*. Billi t-trakk kien max-xellug ta' *triqtu hi* setgħet taqbżu bla ma tmur oltre l-linja medjana. L-attriċi qalet ukoll illi t-trakk ma kellux *indicator* jixgħel u żiedet tgħid li bl-impatt ġiet imkaxkra lejn il-lemin;

Fil-kontro-eżami, l-attriċi qalet li minkejja s-siġar (*ficus*) fuq ix-xellug, il-friegħi ma kinux tant baxxi li jfixklu t-trakk. Qalet ukoll li hi u taqbeż is-soltu ddoqq il-*horn* però ma tafx x'għamlet speċifikatament did-darba u li setgħet kellha xi rota fuq il-linja medjana. L-attriċi kompliet tgħid li wara l-ħabta t-trakk kellu l-*indicator* mixgħul u hi osservat lill-konvenut jew staqsietu għaliex ma kienx indika fejn kien sejjer u huwa weġibha li kien mixgħul u għal dan id-diskors hija rrispondietu "Qed jixgħel issa!" L-attriċi spjegat li ma kienx il-każ li ma *kinitx indunat bl-indicator, kif lanqas ma kienet qiegħda tgħid li l-indicator* xegħlu wara l-ħabta. Dak li seta' ġara kien li l-konvenut xegħel l-*indicator* wara li kienet għaddietu iżda mhux qabel ma bdiet is-sorpass;

Il-konvenut xehed li huwa kien daħal fil-*Bypass* ta' Ħal Għaxaq u kien tiela' bi traffiku quddiem u wara u peress li ried idur huwa żamm fuq barra wara t-traffiku li kien hemm billi fuq *ix-xellug huma ma setax isuq għax it-trakk jaħbat mas-siġar*;

Huwa xegħel l-*indicator* qisu f'nofs il-*Bypass*. Ħares mill-

mera u beda jieħu ħsieb min ġej minn fuq. Huwa deherlu li seta' jdur u beda jdur u, kif kien kważi dar u l-gabina ġiet kważi fis-*side street*, sema' tkaxkira *mar-rota*. Għalhekk huwa waqaf *mill-ewwel* u ra karozza taħt *it-trakk* maqbuda fir-rota u mal-ġabina. Din kienet il-Maruti misjuqa mill-attriċi. Huwa spjega li fuq id-*dashboard* tal-gabina tat-trakk meta jixgħel l-*indicator* jimmarka, iżda ma jtektikx. Meta huwa ġie mistoqsi għaliex, *fid-dikjarazzjoni* ġġuramentata tiegħu, kien qal li l-Maruti kienet xkanata (fol. 14) u qalgħet żewġ vetturi, it-tweġiba tiegħu kienet "Dan ngħidu mid-daqqa". Il-konvenut żied jgħid li kienet il-Maruti li tkaxkret *miegħu u mhux hu* li kaxkarha;

Claire Richards, *li ma ssuqx* karozza, kienet riekba *ma'* ommha l-attriċi bħala *front seat passenger* u tgħid li kienu wara t-trakk sa mill-bidu tal-*Bypass* u kienu għaddejjin bi *speed* kostanti u normali sakemm, imbagħad, ommha żiedet fl-i*speed* sabiex taqbeż it-trakk. Hija tgħid *ukoll* li x'ħin ommha ġiet biex taqbeż, f'daqqa waħda, it-trakk beda jikser u ħabat mal-bieba tan-naħa tagħha u l-karozza bdiet tiġi mbuttata mill-ġenb. Meta ommha staqsiet lill-konvenut għaliex ma kellux l-*indicator* mixgħul, huwa weġibha "Mixgħul!" Waqt li ommha kienet qiegħda tipprova s-sorpass ma tatx każ għall-*indicator* tat-trakk. Qalet ukoll illi warajhom kien hemm linja ta' karozzi;

Il-konvenut ressaq bħala xhud biex jikkorroborah lil Feliċ Attard li, kif ġà ntqal kien riekeb miegħu fil-gabin tat-trakk. Dan ix-xhud qal li huma, mill-ewwel, ippostjaw ruħhom lejn in-nofs u bl-*indicator* mixgħul. Huwa ma jafx fejn xegħlu u qal "għax biex tikser trid tagħmel l-*indicator* għaliex meta nżilna mixgħul rajtu". Meta ġie *mistqosi* jekk ix-xegħil ta' l-*indicator* jimmarkax fid-*dashboard* hu wieġeb "ma tajtx każ". Lanqas seta' jgħid jekk kienx hemm traffiku sejjer bħalhom;

Ikkunsidrat:

L-espert innominat mill-Qorti beda biex skarta x-xhieda ta' Feliċ Attard billi kkwalifikaha bħala "inattendibbli" mill-bidu sa l-aħħar u din il-Qorti taqbel miegħu f'dan il-ġudizzju u dan għall-istess raġunijiet li huwa jelenka fil-paragrafi 24, 25 u 26 tar-relazzjoni;

Għall-kuntrarju, huwa jikkunsidra lil Claire Richards bħala xhud affidabbli u din il-konsiderazzjoni *wasal għaliha għaliex* ix-xhieda tagħha ma kinitx *carbon copy* ta' dik ta' ommha fejn, ma tafx u fejn ma kinitx attenta qalet hekk. Bħal meta qalet li ma kinitx attenta biex tkun taf jekk it-trakk kellux l-*indicator* jew le. Din il-Qorti taqbel ukoll li din ix-xhud għandha tingħata piż u għalhekk l-espert għamel sewwa li aċċetta x-xhieda tagħha bħala korroboranti x-xhieda ta' l-attriċi meta din qalet lill-konvenut wara l-ħabta li dan "issa hu mixgħul";

Wara li l-perit qies li x-xhieda ta' l-attriċi u dik tal-konvenut ma kinux daqshekk dijametrikament opposti daqskemm jidhru mad-daqqa t'għajn, huwa *wasal għall-*konklużjoni li l-konvenut xegħel l-*indicator* appena l-attriċi kienet sejra tibda l-manuvra tas-sorpass u għalhekk dan ġara tard wisq biex l-attriċi tosservah. U mbagħad ikompli jgħid l-espert, il-konvenut waqa' fin-nuqqas li ma ħarisx fuq spalltu l-leminija u allura lill-Maruti mtarrġa miegħu ma rahiex. Huwa jikkonkludi hekk: "Li tħares fil-mirja mhux biżżejjed għax dawn ma jkoprux il-*blind spot* fil-prossimità tal-kantuniera tal-lemin ta' wara tal-vettura sorpassata. Kien dan in-nuqqas li kkostitwixxa l-attur determinanti tal-kolliżjoni u allura r-responasbbilità għaliha għandha taqa' nterament fuq il-konvenut. Da parti ta' l-attriċi wieħed ma jara xejn ħażin fix-xorta ta' sewqan tagħha. Il-manuvra ta' sorpass tagħha ma kinitx inkonsulta fil-post fejn saret u bil-mod li saret";

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' din il-konklużjoni ta'

l-espert u tagħmilha tagħha;

L-abbli difensur tal-konvenut, fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, għamel sforz qawwi biex din il-konklużjoni tiġi skossa u, wara li ssottometta li x-xhud Richards aktar tikkorrobora lill-konvenut milli tikkorrobora lill-attriċi, jasal biex jgħid li jekk niġu f'dan kemm din ix-xhud kif ukoll Feliċ Attard huma inattendibbli għaliex it-tnejn urew li kienu "aljenati u mhux moħħhom fis-sewqan tar-rispettivi sewwieqa". Huwa jissottometti ukoll li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-attriċi ma kienx messha għamlet is-sorpass;

Kontra dawn is-sottomissjonijiet, però, hemm ix-xhieda ta' l-espert in eskussjoni. Biżżejjed jingħad li huwa spiċċa l-eskussjoni tiegħu hekk: "... jiena wasalt għall-konklużjonijiet tiegħu wara li ħadt in konsiderazzjoni kollox u analizzajt bl-aħjar ħila tiegħi li stajt nagħmel ix-xhieda ta' kulħadd, speċjalment iż-żewġ xhieda li kienu passiġġieri u min hemm deherli li waħda minnhom hija affidabbli u l-oħra mhix u dik affidabbli ġġiegħlek iżżomm mal-versjoni mogħtija mill-attriċi. Konxjenzjożament hekk ħassejt li għandi nagħmel jiena. Bżajt. Analizzajtha x-xhieda mhux sempliċement *just a feeling* li qbadt u pproduċejtu bil-ktiba, imma analizzajtha x-xhieda";

Din il-Qorti, quddiem stqarrija daqshekk ponderata u sofferta bħal din, ma tħossx li għandha tiddipartixxi mill-konklużjonijiet peritali. Wara kollox, dawn huma konklużjonijiet ta' bniedem espert fil-materja u espert mhux għaliex ġie nnominat mill-Qorti biex jirrelata fil-kawża iżda għaliex huwa bniedem b'esperjenza kbira fil-materja u għalhekk il-ġudizzju tiegħu m'għandux jiġi skartat kif ġie ġie, speċjalment meta wieħed iqis li l-konvenut ma talabx in-nomina ta' periti addizzjonali;

Ikkunsidrat:

Li ma jidhirx li hemm kuntrast bejn il-partijiet dwar il-*quantum* tad-danni li ġew likwidati flammont ta' Lm824.00 (ara para. 31 tar-rapport). Dan qiegħed jingħad għaliex il-konvenut waqt l-aċċess li nżamm, iddikjara li ma kienx ser jikkontesta dan l-ammont; għalhekk id-danni qegħdin jiġu llikwidati mill-Qorti f'dan l-istess ammont;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi prevja adozzjoni tar-rapport peritali, tiċħad l-eċċezzjoni u l-kontrotalbiet tal-konvenut u konsegwentement tilqa' t-talbiet attriċi u hekk *tiddikjara li l-*konvenut kien unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku fuq riferit u għad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi; tillikwida dawn id-dani fis-somma ta' tmien mija u erbgħa u għoxrin lira (Lm824.00) u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u erbgħa u għoxrin lira (Lm824.00) dovuta lilhom in linea ta' danni bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza;

L-ispejjeż ġudizzjarji jitħallsu mill-konvenut";

Il-konvenut jissolleva fl-ewwel lok aggravju ta' natura proċedurali meta jeċepixxi n-nullità tas-sentenza billi din, skond hu, kienet nieqsa minn dawk ir-raġunijiet li jwassluha għad-deċiżjoni tagħha kif tassattivament jipprovdi l-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u *Proċedura Ċivili. Dan l-artikolu* jipprovdi li fis-sentenza għandhom jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha. Il-liġi ma timponix fuq il-Qorti l-mod kif kellha tagħti dawn ir-raġunijiet jew kif kellha tesprimi din il-motivazzjoni tagħha. Ma kien hemm xejn x'josta lill-Qorti li, wara li teżamina anke l-fehmiet

ta' l-esperti legali jew tekniċi *minnha* nnominati u wara li tkun tat piż lill-osservazzjonijiet tal-kontendenti dwarhom u dwar il-meritu, tesprimi l-motivazzjoni għad-deċiżjoni tagħha f'termini espressi minn dawn il-periti fir-relazzjonijiet tagħhom. U sakemm ikun ċar mis-sentenza li dan l-eżerċizzju l-Qorti tkun *għamlitu u li d-deċiżjoni li tat kienet għalhekk waħda ben* konsidrata u maturata, dik is-sentenza tkun tissodisfa l-vot tal-liġi;

Din il-Qorti sabet utili li tirriproduċi l-motivazzjoni tas-sentenza appellata għaliex minnha hu ċar li l-Ewwel Qorti qieset b'attenzjoni ċ-ċirkostanzi kollha ta' fatt u ta' dritt fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-perit legali anke jekk dawn, fiċ-ċirkostanzi, ġew minnha espressi b'referenza ampja għar-relazzjoni ta' l-istess perit. Dan waqt li jidher li l-Qorti ma naqsitx li tikkuntrasta dak li l-appellant issottometta fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu max-xhieda ta' l-istess relatur in *eskussjoni. Anke l-fatt lamentat mill-appellant li l-Ewwel Qorti* donnha kellha wisq rispett riverenzjali lejn l-opinjoni ta' l-espert minnha nkarigat - opinjoni leġittima anke jekk soġġettiva - ma jistax waħdu jitqies bħala element negattiv tas-sentenza appellata u wisq anqas wieħed li seta' jinfiċjaha. Infatti l-Qorti esprimiet opinjoni għolja li għandha ta' l-espert mhux biex tiskarta mid-dover tagħha li tanalizza r-relazzjoni tiegħu kif fil-fatt jidher li għamlet imma biex tagħti piż debitu lill-fatt l-ieħor li ukoll irriżultalha u ċjoè li l-opinjoni ta' l-espert kif minnu espressa f'dan il-każ kienet waħda debitament "ponderata". Hu magħruf li l-Qorti ma kinitx tenuta li tesprimi l-konsiderazzjonijiet kollha li tagħmel biex tasal għad-deċiżjoni tagħha. Il-liġi timponi biss fuq li "tagħti r-raġunijiet" li fuqhom tkun qed tibbaża d-deċiżjoni tagħha li mhux neċessarjament ifisser li kellha ukoll tagħti r-retroxena u l-motivazzjoni ta' dawn ir-raġunijiet;

Ċertament il-każ taħt eżami ma jistax jiġi kkwalifikat ma'

dawn fejn din il-Qorti kellha ġustament l-okkażjoni li tannulla s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti għaliex id-deċiżjoni ta' din kienet ġiet immotivata biss għar-raġuni li kienet akkoljiet relazzjoni peritali. F'dawk il-każijiet - li għalihom jidher li l-appellant kien qiegħed jirreferi fin-nota tiegħu - però l-Ewwel Qorti *kienet fil-prattika naqset milli tagħti* "r-raġunijiet tagħha" għad-deċiżjoni li kienet waslet għaliha u kienet biss iddeċidiet il-kawża fuq ir-raġunijiet ta' l-espert minnha nnominat. F'dawk il-każijiet differentement mill-każ taħt eżami l-vot tal-liġi ma kienx ġie sodisfatt;

*Dan l-aggravju qed jiġi għalhekk respint;*

Fil-meritu l-appellant jibbaża l-aggravju tiegħu fuq l-ilment li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi dan l-aggravju hu essenzjalment immirat biex jillustra n-nuqqasijiet fis-sewqan ta' l-attriċi li skond l-appellant kellhom iwasslu lill-Qorti biex jgħabbuha bir-responsabbilità għall-inċident *de quo*. L-appellant ma jidher li għamel l-ebda sforz biex jiskolpa ruħu mill-addebiti ta' sewqan ħażin li wasslu lill-Ewwel Qorti u lill-perit legali biex isibuh unikament responsabbli għas-sinistru;

Waqt li hu veru li l-appellant baqa' jsostni illi kien xegħel l-*indicator* tempestivament b'mod li l-attriċi kellha preavviż adegwat ta' l-intenzjonijiet tiegħu, hu jattribwixxi l-ħtija għall-inċident għall-mod inkonsult kif l-attriċi ittantat tagħmel is-sorpass bla ma kienet qed iżżomm *a proper look out*. Isostni li l-*manuvra ta' sorpass li għamlet l-attriċi ma kellhiex tagħmilha* fiċ-ċirkostanzi li għamlitha u dan għar-riskju uniku tagħha. Qabel ma tgħaddi biex teżamina dan l-aspett ta' l-aggravju biex tanalizza l-komportament ta' l-attriċi, il-Qorti jidhrilha li għandha tenfasizza s-segwenti ċirkostanzi li fil-fehma tagħha jkomplu jissottolineaw in-nuqqasijiet fis-sewqan ta' l-appellant

anke oltre dak li sewwa rritenew kemm il-perit legali kif ukoll l-Ewwel Qorti u li ma jħallu l-ebda dubbju illi l-istess konvenut kellu jiġi ritenut responsabbli għas-sinistru apparti l-kwistjoni ta' jekk l-attriċi kinitx jew le kkontribwiet għaliha;

Il-Qorti tqis:

Element kruċjali li jidher li ngħata ftit importanza hu l-fatt li l-inċident seħħ viċin *road junction* u fil-mument meta l-konvenut ried jaffettwa l-manuvra biex mill-arterja prinċipali hekk imsejħa Tal-Barrani idur għal fuq il-lemin tiegħu biex jidħol fit-triq għal Ħal Għaxaq. Din il-manuvra kienet timponi fuq l-appellant diversi doveri speċifiċi li kien obbligat josserva apparti dak li jassenjala l-intenzjonijiet tiegħu li jesegwixxi din il-manuvra lit-traffiku li, bħall-attriċi, jkun ġej minn warajh;

Il-*Highway Code* fir-Regolament 85 jipprovdi:

"*Well before you turn at junctions or intersections take full account of the position and movement of following traffic. Signal your intention and when safe to do so take up the appropriate position. Wait until there is safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn*";

U r-regolament 85 jobbliga hekk:

"*On turning at a junction look right, then left and right again. Do not go on until you are sure that it is safe to do so*";

Il-provi juru li l-appellant naqas li josserva dawn ir-regolamenti u għaliex hekk għamel ipprovoka l-inċident;

Il-Qorti hi sodisfatta illi l-appellant naqas proprju fl-obbligu prinċipali li kellu jkun pjenament a konoxxenza tal-posizzjoni u tal-moviment tat-traffiku li jkun qed isegwih. Dan l-obbligu hu mpost fuq min ikun bi ħsiebu *jidħol fit-triq laterali* partikolarment b'manuvra li jdur fuq ix-xellug tiegħu għaliex tali manuvra kienet timporta mhux biss li *jirrallenta biex jieħu l-*posizzjoni tiegħu biswit il-*junction* imma ukoll għaliex seta' jkun hemm il-possibbilità - kif ġara *fil-każ taħt eżami - li* vettura oħra tkun qed tittanta li tissorpassah minn warajh. F'din l-eventwalità l-manuvra *li jdur lejn il-lemin kienet bilfors* timporta li min qed jagħmilha jkun qed jinvadi dik il-parti tat-triq fejn ikun qiegħed isir is-sorpass;

Il-Qorti *ma tistax ma taqbilx* mal-konklużjonijiet *li waslet* għaliha s-sentenza appellata illi l-appellant fl-ebda mument qabel l-impatt ma kien *irrealizza bil-preżenza tal-vettura ta' l-*attriċi misjuqa warajh. Hu stabbilit illi l-vettura kienet ilha tiġi hekk *misjuqa għal ċerta distanza fit-triq li kienet* għad-dritta u ndubbjament li kieku l-appellant kien qiegħed josserva u kien attent għat-traffiku *ta' warajh, hu ma setax ja jarax din il-vettura* li kienet bdiet tagħmel il-manuvra ta' sorpass almenu fil-mument *meta* beda l-manuvra *tiegħu biex jikser għal-lemin u* jidħol *fil-junction* li tagħti għal Ħal Għaxaq. Hu stess jammetti li lill-attriċi *ma rahiex mhux biss meta jgħid illi l-vettura ta' l-*attriċi raha ma' l-impatt imma ukoll meta xehed li din qalgħet żewġ vetturi waqt li *kienet qed tissorpassa mhux għax kien raha* imma għax "dan ngħid mid-daqqa";

Jirriżulta ukoll ippruvat illi l-appellant naqas mid-dover tiegħu mhux biss illi jissenjala sewwa u tempestivament il-ħsieb tiegħu li kien ser idur lejn il-lemin - ċirkostanza din li dwarha hemm aktar minn dubbju billi dak li jafferma l-appellant jidher kategorikament miċħud mill-attriċi - imma ukoll għaliex ma hemm l-ebda indikazzjoni fil-provi illi l-konvenut qabel beda biex jagħmel il-manuvra tiegħu ħa posizzjoni fit-triq sewwa

biswit it-triq laterali li fiha xtaq jidħol u waqaf biex jistenna l-mument opportun u bla riskju biex jibda l-manuvra tiegħu. *Kieku ħa din il-posizzjoni, waqaf u stenna biex jaċċerta ruħu* liema kien dak il-mument u kieku ma bediex il-manuvra tiegħu qabel ma kien għamel dak li jimponilu r-regolament 85 u ċjoè li jħares l-ewwel lejn il-lemin, imbagħad lejn ix-xellug u mbagħad jerġa' lejn il-lemin, kieku l-inċident ma kienx iseħħ għaliex, neċessarjament, kieku ħares sewwa kien jara dak illi kien qed jiġri fit-triq fuq il-lemin tiegħu u ċjoè lill-attriċi tittanta tagħmel il-manuvra ta' sorpass;

Dawn iż-żewġ regolamenti tal-*Highway Code* infatti kienu jimponu fuq l-appellant l-obbligu illi ma jittantax jibda l-manuvra tiegħu qabel ma jkun ċert illi din seta' ikompliha u jtemma b'suċċess bla riskju għalih jew għal traffiku ieħor.Kellu *jkun żgur illi it is safe to do so. Ma setax allura jagħmel kif* jidher li għamel l-appellant illi jaqbad u jikser lejn il-lemin mingħajr debita attenzjoni u mingħajr ma jkun segwa skrupolożament dak li jimponi l-*Highway Code* biex jassigura illi manuvra ta' ċertu riskju kif ried jagħmel l-appellant ma tkunx tikkrea perikolu għall-utenti oħra tat-triq;

L-iskizz pjuttost preċiż anke jekk mhux skalat kif ukoll ir-ritratti tad-daqqa fuq il-vettura ta' l-attriċi jikkonfortaw it-teżi attriċi. Ċertament, jiżmentixxu dak li qal il-konvenut li hu kien bil-quddiem tat-trakk tiegħu kważi daħal ġol-*junction* fuq il-lemin tiegħu. Infatti, hu kien għadu b'parti mill-warrani tiegħu ma qasamx l-*interrupted white line* li tiddividi l-kareġġata u 'l *quddiem tiegħu kien għadu fin-nofs ta' dik il-parti tat-triq li* tagħti għal Tal-Barrani. Anke l-vettura ta' l-attriċi spiċċat għal kollox ġo dik il-parti tat-triq. Il-posizzjoni tal-vetturi fuq l-iskizz turi kif dawn spiċċaw wara l-ħabta u allura wara li kienu ttrasversaw id-distanza meħtieġa mill-mument meta ndunaw b'xulxin u jkopri t-*thinking distance* sakemm ħabtu u sakemm waqfu. Id-daqqa fuq il-vettura ta' l-attriċi kienet tkaxkira li

tinvesti l-parti l-kbira tal-ġenb tax-xellug tagħna u dan hu ndikattiv li wara l-impatt it-trakk u l-karozza mxew għal ċertu distanza - anke jekk żgħira - ma' xulxin biex spiċċaw kif spiċċaw. Il-provi juru li t-trakk kaxkar il-karozza sakemm waqfet. L-angolazzjoni tal-vetturi hi ukoll interessanti għaliex minnha jidher li l-konvenut, nonostante dak li xehed, *in the agony of the collision* irrealizza bil-presenza tal-karozza u bl-inevitabilità tal-ħabta u istintivament irreaġixxa biex ittanta *in extremis* jevitaha billi jikser lejn ix-xellug tiegħu. Dan għaliex it-trakk jidher f'posizzjoni angolata ftit lil hinn mill-fetħa li tagħti għal Ħal Għaxaq flok ipponta dritt għal ġo fiha kif suppost. Billi mhux possibbli li bl-impatt il-karozza ta' l-attriċi ċaqalqet trakk ta' dak il-kobor bilfors li l-posizzjoni tat-trakk fl-iskizz hi riżultat ta' azzjoni evażiva tal-konvenut. Bl-istess mod l-attriċi jidher, kif naturali, li fl-istess ħin ippruvat tevita l-ħabta mat-trakk billi ukoll istintivament kisret inutilment lejn il-lemin tagħha. Dan kollu hu rilevanti biex tiġi stabbilita l-posizzjoni tal-vettura ta' l-attriċi fil-mument tas-sorpass in relazzjoni mal-linja bajda li tiddividi l-karreġġjata;

Dawn l-elementi ta' prova jkomplu jsaħħu l-fehma tal-Qorti li l-konvenut:

Ma użax attenzjoni speċjali u prudenza massima meta ġie biex jittraversa l-karreġġjata fuq in-naħa l-oħra tat-triq biex jidħol fil-*junction* (regolament 84);

Ma kienx konxju tal-posizzjoni u moviment tat-traffiku ġej minn warajh ferm qabel ma beda l-manuvra (regolament 85);

Hemm dubbju serju jekk f'xi ħin qabel beda jagħmel il-manuvra tax sinjal tal-ħsieb tiegħu li jagħmilha. Ċertament jekk hekk għamel dan ma għamlux tempestivament u żgur li ma aċċertax ruħu li l-vetturi li kienu qegħdin jiġu misjuqa warajh

kienu f'qagħda li jindunaw b'dak is-sinjal (regolament 85);

Wieħed mis-sinjali li min irid jagħmel manuvra bħal dik kien obbligat jagħmel - apparti li jixgħel *indicator* f'ħin utili - hu li jieħu posizzjoni ġusta fit-triq li dikjaratament tindika lill-vetturi oħra warajh li xtaq jikser lejn il-lemin tiegħu biex jidħol fil-*junction* u jieqaf biex jaċċerta ruħu li seta' jibda jkompli u jtemm il-manuvra tiegħu b'sigurtà u bla riskju (regolament 85). Dan il-konvenut manifestament ma għamlux;

Ma esplorax it-triq kif kien obbligat li jagħmel (regolament 86). Jew ma ħares xejn jew jekk ħares, *ma ħarisx* sewwa. Dan *ex admissis* għaliex il-konvenut jammetti li qabel l-impatt il-vettura l-oħra ma rahiex. Kieku ħares kif kien obbligat li jagħmel kien bilfors li jara l-vettura ta' l-attriċi *li kienet in plain view* għalih anke kkunsidrata l-posizzjoni elevata li fiha kien it-trakk li kienet ittih żgur *overview* tal-karreġġjata kollha warajh fuq il-lemin tiegħu;

Il-konvenut infatti jammetti li qabel dar ma ħarisx fuq spalltu l-leminija. Hija ġusta f'dan ir-rigward l-osservazzjoni tal-perit legali illi li tħares fil-mirja mhux biżżejjed għaliex dawn ma jkoprux il-*blind spot* fil-possibbilità tal-kantuniera tal-lemin ta' wara tal-vettura ssorpassata;

Għal dawn ir-raġunijiet kif ukoll għar-raġunijiet dedotti fis-sentenza appellata, ir-responsabbilità tal-konvenut għas-sinistru ma tistax tiġi miċħuda. Jibqa' x'jiġi kkunsidrat jekk kienx hemm xi kontributorjetà għall-inċident da parti ta' l-attriċi. Il-perit legali u ukoll l-Ewwel Qorti waslu għall-konklużjoni illi n-nuqqas tal-konvenut li jżomm *a proper look out* qabel ma beda l-manuvra li xtaq jagħmel waqt li kien qed jesegwiha, tikkostitwixxi fattur determinanti tal-kolliżjoni u allura r-responsabbilità għaliha kellha taqa' nteramemt fuqu. Ġie

ritenut minnhom li da parti ta' l-attriċi wieħed ma seta' jara xejn ħażin fix-xorta ta' sewqan tagħha. Il-manuvra ta' sorpass li kienet qed tagħmel ma kinitx inkonsulta fil-post fejn saret u bil-mod li saret;

Din il-Qorti ma taqbilx illi s-sewqan ta' l-attriċi kien daqstant ineċċepibbli jew li ma kkontibwix anke fi grad anqas mill-konvenut għas-sinistru. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-konvenut appellant illi l-attriċi kellha tinstab responsabbli għas-sinistru għaliex neċessarjament kellha hija u tissorpassa taqbeż il-linja medjana kontinwa u ininterrotta ta' l-Għaxaq *Bypass*. Apparti l-fatt li ma hemmx il-prova konklussiva illi l-attriċi hekk fil-fatt għamlet, il-provi juru li hi fl-aħjar ipotesi għall-konvenut, l-attriċi setgħet qabżet il-linja medjana b'parti biss mill-vettura tagħha waqt li kienet qed tagħmel il-manuvra ta' sorpass. Hi kienet qed tagħmel dan meta hu stabbilit illi mill-faċċata tagħha ma kien ġej l-ebda traffiku u għalhekk ma jistax jingħad illi meta hi kienet qed tagħmel il-manuvra ta' sorpass ma kinitx ċerta li ma kienx hemm perikolu għaliha jew għall-vetturi oħra. Kollox kien jindika illi sakemm it-traffiku iżomm id-direzzjoni li kien qiegħed isuq fiha fil-mument tas-sorpass l-attriċi setgħet ittemm il-manuvra tagħha b'sigurtà u bla perikolu. F'dan il-kuntest hi ukoll ġusta l-osservazzjoni tal-perit legali illi l-fatt li wieħed f'manuvra ta' sorpass jaqbeż xi ftit il-linja medjana għalkemm tista' teknikament titqies li hija nfrazzjoni kontravvenzjonali, mil-lat ċivili ma jkun qed jiġri xejn li hu per se negliġenti. F'ċirkostanzi fejn ikun ippruvat li ma jkunx ġej traffiku minn faċċata ma għandhiex tali infrazzjoni titqies realistikament determinanti biex twassal għall-ħtija fis-sorpassant li jkun qabeż xi ftit il-linja medjana;

Din il-Qorti però ssib kontributorjetà fis-sewqan ta' l-attriċi fiċ-ċirkostanza illi hija ttantat tagħmel il-manuvra ta' sorpass fil-punt fit-triq fejn effettivament għamlitha u ċjoè waqt

li kienet tavvićina *junction*. Infatti, ir-regolament 74 tal-*Highway Code* jesiġi "*do not overtake at or when approaching a road junction*". Issa din iċ-ċirkostanza waħedha u fiha nfisha mhux neċessarjament twassal biex il-persuna li tkun qed tagħmel is-sorpass bi ksur tar-regolament *tiġi akkollata bi ħtija* għas-sinistru. Anke hawn jista' jkun hemm infrazzjoni kontravvenzjonali bla ma jkun hemm responsabbilità ċivili għall-inċident. Però din il-Qorti ma tistax teskludi l-fatt illi l-konvenut, li kellu kif ingħad doveri preċiżi x'josserva qabel jagħmel il-manuvra tiegħu, kellu ukoll id-dritt li jistenna illi vettura minn warajh ma tittantax tagħmel sorpass f'dak il-punt partikolari tat-triq fejn kien hemm *il-junction*. *Għalkemm ma* kellux id-dritt li ma jieħux il-prekawzjonijiet li kien obbligat, kif fuq ingħad li *jieħu u għalkemm* kellu ovvjament l-obbligu illi jħares u jħares sewwa qabel ma jesegwixxi l-manuvra tiegħu, kellu ukoll id-dritt jippretendi illi ma jkunx hemm vetturi li jittantaw jissorpassawh kif ippruvat tagħmel l-attriċi f'dak il-ħin. In-nuqqas ta' l-attriċi ma jiskolpax lill-konvenut mir-responsabbilità però *ma jistax jingħad illi ma kienx element* kontributorju għall-inċident anke jekk fi grad anqas;

Din il-Qorti tara li hu ġust illi terz tar-responsabbilità tiġi addebitata lill-attriċi waqt li *żewġ terzi jiġu* addebitati lill-konvenut;

F'dan is-sens is-sentenza appellata qed tiġi riformata. Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni tirriżulta l-prova mhux kontestata illi d-danni li sofra l-konvenut jammontaw għal Lm392.15 waqt li l-ammont ta' danni illi soffrew l-atturi ġew illikwidati fis-sentenza appellata fis-somma *ta' Lm824. Kollox* fl-ammont ta' Lm1216.15 li għall-prattiċità qed jiġi arrotondita għal Lm1216.00. Minn dan l-ammont l-atturi għandhom b'kollox jirċevu s-somma ta' Lm810.00 waqt li l-konvenut għandu jirċievi l-ammont ta' Lm406. Dan iwassal għall-konklużjoni li l-konvenut għandu jħallas lill-atturi is-somma ta'

Lm404.00 liema ammont flimkien mat-terz tad-danni tagħhom stess ammontanti għal Lm270 u mat-terz tad-danni tal-konvenut li huma għandhom ibatu ammontanti għal Lm136.00 jġibu t-total ta' Lm810. Ammont illi l-konvenut obbligat iħallashom skond il-proporzjon determinat minn din il-Qorti;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata kif ġej:

Tiddikjara li r-responsabbilità għall-inċident meritu tal-kawża kellha tiġi akkollata kwantu għal żewġ terzi lill-konvenut u kwantu għar-rimanenti terz lill-attriċi;

*Konsegwentement, tillikwida d-danni kollha* konsegwenzjali fl-inċident fl-ammont komplessiv ta' Lm1216 li kellu jiġi ripartit skond il-grad ta' responsabbilità appena stabbilita b'dan li allura l-konvenut kellu jbati żewġ terzi minnha ammontanti għal Lm810 waqt li l-attriċi kellha tbati terz minnha u ċjoè għal Lm406;

Konsegwentement, a bażi ta' din il-likwidazzjoni il-konvenut għandu jħallas lill-atturi għas-saldu tal-pretensjoni tagħhom is-somma ta' Lm404 u hekk qed jiġi kkundannat li jagħmel;

F'dan is-sens din il-Qorti qiegħda tiddeċidi kemm it-talbiet attriċi *kif ukoll il-kontro-talba tal-konvenut*;

L-ispejjeż ta' dan l-appell u ukoll dawk tal-prim'istanza għandhom jiġu ssopportati *kwantu għal żewġ terzi mill-*konvenut u kwantu għal terz mill-atturi u f'dan is-sens ukoll is-sentenza appellata qed tiġi riformata. L-imgħax fuq l-ammont b'din is-sentenza llikwidat għandu jibda jiddekorri mil-lum sad-data ta' l-effettiv pagament.